# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
Il-Ħadd 6 u 20 ta' Ottubru fil-5.00p.m.
Il-Ħadd 3 u 17 ta' Novembru 2002 fit-3.30p.m.
Il-Ħadd 1 u 15 ta' Diċembru fit-3.00p.m.
Il-Ħadd 5 u 19 ta' Jannar 2003 fit-3.00p.m.
Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, c/o 16, Triq San Ġakbu, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: http://www.elanguest.com/girgenti/

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 52 OTTUBRU 2002 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Ġuża Mifsud meta kienet iżgħar fl-età.**

## NAĦSBU F'ĦUTNA...

Fiż-żmien li kont qed inħejji dan il-fuljett, pajjiżi fl-Ewropa, fl-Asja u l-Amerka t'Isfel kienu qegħdin isofru minn għargħar kbir. Bosta nies tilfu ħajjithom, oħrajn tilfu djarhom u kullma kellhom filwaqt li eluf oħra kienu mhedda li ser jiġrilhom l-istess. Ma ninsewx li dawn huma ħutna fi Kristu!

Waqt il-laqgħa ta' Lulju 1991, Ġuża qalet hekk: "Maħbubin ħuti, ma niddisprawx bil-lejl meta ma norqdux. Nitolbu lil Alla għax forsi dak il-ħin ikun qiegħed isir xi diżastru jew xi kastig, jaqa' x'imkien bħalma ġara hemm u hemm... Naħsbu fuq il-kobor t'Alla, kemm hu kbir Alla, li Alla qed jarana, Alla qed jismagħna, biex jekk hemm xi diżastru nieżel fid-dinja, Alla jkollu ħniena u jwarrab u jrodd il-paċi fuq dik l-art. Ma

niddisprawx la f'dawn l-affarijet, la fil-mard u lanqas f'ħaġa oħra. Fil-mard infaħħru lil Alla, ngħidu, 'Din il-marda Alla bagħathieli biex forsi niddefendi dik l-art. Inkunu vittma tagħha permezz tat-tbatijiet tagħna.'...

Ħuti maħbubin, dawn l-affarijiet koroh ikunu fejn ikunu... mhux xorta nħossu għalihom? Dawn xorta huma ħutna fil-Mulej. Jiena nisma' xi ħaġa nħoss għal kulħadd. Għalhekk irridu nitolbu ħafna... mingħajr waqfin u nagħmlu atti ta' ħniena u ta' penitenza u ta' mħabba lejn kulħadd biex il-Mulej Alla jgħinna u jagħtina dak kollu li għandna bżonn: li noqorbu lejh għax li noqorbu lejh huwa sinjal ta' sliem, ta' paċi u mħabba għad-dinja u għal xulxin...".

F'messaġġ li Ġuża rrekordjat f' Lulju 1993, hija qalet, "Noqogħdu ħafna attenti għax fid-dinja u anka f'Malta l-fidi naqset ħafna. Il-Mulej Alla b'dawn l-affarijiet qed jisgħobbih ħafna... Meta jgħidu li 'l hemm kien għargħar, li 'l hemm kien terremot u 'l hemm kien ċiklun, dawn ġejjin mill-opri ta' jdejn il-Mulej u jiena naf mis-Sinjura tal-Ħajja li jekk nitolbu lill-Mulej jista' dawn l-affarijiet ineħħihom mid-dinja.

Hawn Malta ma noqogħdux ngħidu li aħna eżenti minnhom dawn l-affarijiet. Ma noqogħdux ngħidulhom dawn l-affarijiet ħbieb għax milli qed nara jiena u milli tagħtini l-Madonna, sar għandna f'pajjiżna bħal f'pajjiżi oħra, nuqqas ħafna ta' fidi..."

Għalhekk ħuti fil-Mulej, nitolbu lil Alla biex l-ewwel nett issaħħilna l-fidi, iheġġilna qalbna bl-imħabba Tiegħu, lil min għandu qalb tal-bronż jagħtih qalb tal-laħam li taf tħoss għal ħutu. Ġuża kienet spiss tħeġġiġna biex ma nkunux egoisti fit-talb tagħna, spiss kienet tgħidilna li għandna nitolbu għal kulħadd, għal proxxmu tagħna kollu, għad-dinja kollha.

B'fidi qawwija, npattu għal dawk li għadhom 'il bogħod minn Alla, sabiex Alla jara l-fidi tagħna u jkollu ħniena minnhom, jagħtihom iċ-ċans li jsalvaw, li jgħarfuh, li jqimuh bħala l-Missier tagħhom. Nitolbu lil Alla jiskansana minn diżastri naturali kemm lilna kif ukoll lil kumplament ta' ħutna l-bnedmin huma fejn huma, huma ta' liema kulur huma.

Nitolbu lill-Madonna, sabiex bħala ommna tinterċedi għalina quddiem il-Mulej, nitolbu wkoll lil Ġuża sabiex bħala oħtna fi Kristu wkoll tinterċedi għal Malta u Għawdex u għad-dinja kollha. Nilqgħu l-istedina tagħha u nitolbu għal kull maħluq li hawn fid-dinja!

## SILTIET MID-DISKORSI TA' ĠUŻA MIFSUD

### OTTUBRU - IX-XAHAR TAR-RUŻARJU

Il-Madonna qalet lil Ġuża, "Ir-rużarju għandu jingħad kuljum qalb il-familji u jingħad bid-devozzjoni. Jiena mis-sema inbierek b'mod speċjali lil dawn il-familji, inbirikom lil dawn il-familji u qegħda nbierek l-art tagħkom anka minħabba dik ir-rieda tajba li hawn fost il-Maltin u l-Għawdxin...".



Il-Madonna qaltli li min iżebbeġ ir-rużarju, idejh jimtlewlu bil-barka t'Alla. Dawk is-sinjali taż-żibeġ tar-rużarju l-Mulej jibdilhom f'ġawhar prezzjuż.

### NOVEMBRU - IX-XAHAR TA' L-ERWIEĦ

Għandna nitolbu għall-ħajjin, għall-bżonnijiet tal-ħajjin biex il-ħajjin jersqu lejn il-Mulej, u nitolbu għall-erwieħ tal-purgatorju. Min jaf kemm hemm erwieħ jaħasra fil-purgatorju li fid-dinja m'hemmx min jitlob għalihom għax kulħadd spiċċa u miet. Allura nitolbu għalihom aħna bir-rużarju, ngħiduh għal dawk l-erwieħ li m'għandhomx min jaħseb fihom bit-talb. Nitolbu għall-erwieħ tas-saċerdoti, għall-erwieħ abbandunati u nitolbu lis-Sinjur Alla, lill-Mulej Ġesù biex jimlielna qalbna kollha grazzji u ferħ u glorja, biex inkunu nistgħu nitolbu għal kulħadd talb qawwi, talb kbir, talb spiritwali...

Mulej Alla, ikollok ħniena mill-erwieħ tal-purgatorju, Mulej Ġesù, ikollok ħniena mill-erwieħ tal-purgatorju. O Ġesù sagramentat, ikollok ħniena u anka karita' mill-erwieħ tal-purgatorju, naqqsilhom dawk il-fjammi li qegħdin iħeġġu magħhom fil-purgatorju biex ikunu ppurifikati, biex jitilgħu fis-sema pajjiżhom għaliex fis-sema pajjiżna ma nistgħux inkunu mtebbgħin b'xi ħmieġ tad-dnub għax fis-sema pajjiżna hemm ħafna u ħafna affarijiet sbieħ.

### DIĊEMBRU - IX-XAHAR TAL-MILIED

Ix-xahar li ngħidulu tal-Milied, ix-xahar ta' Diċembru, huwa x-xahar tal-kbira ħniena t'Alla u tal-maħbub Mulej Ġesù, ta' meta ir-Reġina Sidtna Marija ġabitu fid-dinja... Ix-xahar ta' Diċembru huwa x-xahar tal-ħniena infinita tal-Missier Etern li bagħtilna lil Ibnu feddej, setgħan u kbir fid-dinja... Hija ġrajja ta' mħabba, ġrajja ta' paċi illi Ġesù ġie fid-dinja u ħa x-xbieha tagħna, permezz ta' tarbija. Il-Mulej Ġesù f' kollox għamel li jkun sura ta' bniedem. Qabel is-sura tal-bniedem, imma, hemm il-Persuna divina ta' Alla, għaliex il-Mulej Ġesù kien Iben il-kbir Alla. Għalhekk għandna ħafna għalfejn ngħidu: "Ikun imbierek Alla ta' Missirijietna, ta' min ifaħħru u jgħollih fuq kollox għal dejjem. Ikun imbierek l-isem t'Alla, ikun imbierek Alla ta' missirijietna illi ħarstu tasal sal-qiegħ ta' l-infern, ta' min ifaħħru u jgħollih fuq kollox għal dejjem. Ikun imbierek l-isem setgħani tal-kbir Alla, għaliex ħarstu tasal sa l-abbissi fondi tal-baħar, sa kullimkien. Alla jarana, Alla jismagħna, Alla jaf bina, Alla jekk inkunu fil-grazzja Tiegħu, ikun jaf li aħna fil-grazzja Tiegħu u jekk ma nkunux fil-grazzja Tiegħu ikun jaf li ma aħniex fil-grazzja Tiegħu.

# KATINA TA' RUŻARJU

F'dawn l-aħħar xhur, il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni organizza żewġ ktajjen ta' rużarju. L-ewwel waħda kienet organizzata l-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2002 bejn l-10.00a.m. u t-8.00p.m. Matul dawn is-sigħat apparti l-posti tar-rużarju intqal talb ta' devozzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Dan it-talb sar għall-konverżjoni u l-paċi fid-dinja.

It-tieni katina ġiet organizzata l-Erbgħa 14 ta' Awissu 2002, lejliet Santa Marija. Din il-katina ta' rużarju saret bejn is-7.00p.m. u d-9.00p.m. u l-iskop ewlieni tagħha kien wieħed ta' tpattija għan-nuqqasijiet li jsiru minn bosta bnedmin u li bihom iweġġgħu lil Alla u 'l-Madonna. Niftakru li Ġuża Mifsud kienet tħeġġeġ għal aktar talb fi żmien il-festi tal-qaddisin.

Għall-grazzja t'Alla l-attendenza kienet numeruża ħafna, it-talb intqal b'devozzjoni kbira minn dawk preżenti u żgur li tela' bħal inċens ifuħ quddiem Missierna tas-Smewwiet.

---

# FESTA TA' SAN NIKOLA

Il-Ħamis 27 ta' Ġunju, il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, kien mistieden flimkien ma' l-għaqdiet l-oħra tas-Siġġiewi, għall-quddiesa li saret fit-tieni tridu tal-festa ta' San Nikola. Waqt din il-quddiesa ċċelebrata minn Dun Nikol Pace, Kappillan ta' Birżebbugia, kull għaqda kienet mitluba sabiex waqt l-offertorju ttella' fi ħdan l-artal xi ħaġa li tissimbolizza l-għaqda. Fil-każ tal-Moviment tagħna, ġie ppreżentat inkwadru bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**Margaret Calleja minn Birkirkara kitbet hekk:** F'Jannar li għadda t-tifel tiegħi Samwel qabditu alerġija qawwija. It-tobba ma setgħux jaqbdu tarf ta' minn fejn ġiet din l-alerġija. Jiena ktibt lil Dr. Sylvana sabiex hija toffri t-talb li jsir fil-Girgenti għalih. Il-Madonna u Ġuża Mifsud semgħu it-talb tiegħi u fejqu lit-tifel tiegħi minn din il-marda. Il-Madonna għandha dejjem tkun id-dawl fid-dlamijiet tal-ħajja tagħna. Grazzi Madonna tal-Konsagrazzjoni, grazzi Ġuża Mifsud.

**Frances Agius minn Birżebbuġa** tirringrazzja lill-Madonna għall-grazzji li qalgħet: it-tifla tagħha li kienet tqila kellha problema fid-demm iżda welldet tarbija b'saħħitha. Tifel ieħor li kellu ħafna ponot f'wiċċu marrulu wara li hi talbet lill-Madonna filwaqt li Rocco, tifel ta' xahrejn, kellu cancer iżda kif għamlitlu l-labtu tal-Madonna marlu kollox.

**M. D. Callus minn Santa Venera** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud. Kien ilha sena u nofs marida u wara ħafna talb lil Ġuża qalgħet il-grazzja tal-fejqan.

**M. A. Grixti minn Birżebbuġa** tirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.

**Fortunata Caruana minn Ħal Tarxien kitbet:** Jiena nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Kien is-Sibt, 20 ta' Lulju 2002 meta filgħaxija qabadni uġigħ kbir f'żaqqi. Bdejt nitkawweġ u nokrob bl-uġigħ. Domt nissaporti sas-2.00a.m. meta t-tfal tiegħi iddeċidew li joħduni l-emerġenza ta' l-isptar. Jiena bżajt immur u bdejt nitlob lil Alla bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni sabiex imur dan l-uġigħ qawwi li kelli.

Fuq il-komodina fejn is-sodda tiegħi kelli l-ilma mbierek tal-Madonna tal-Girgenti. Xrobt ftit minnu u wara komplejt nitlob lill-Madonna. Ftit minuti wara sar miraklu. Il-Madonna semgħatni u l-uġigħ mar. Kienu s-2.30a.m. sbieħ il-Ħadd. Il-Ħadd filgħaxija, it-tfal ħaduni l-Girgenti biex nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna tal-grazzja li qlajt. Xtrajna s-santi tal-Madonna biex

inqassamhom. Jiena mara ta' ħamest itfal u għandi 82 sena. Ninsab magħdura ħafna imma dejjem nibqa' nitlob lil Alla u lill-Madonna. Ikun imfaħħar l-isem t'Alla u tal-Madonna għal dejjem ta'dejjem!

**Il-familja Trapani Galea** tirringrazzja lil Alla u lill-Madonna għall-grazzji li qalgħu bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.

Fil-bidu tal-laqgħa tas-7 ta' Lulju 2002, Philip Azzopardi, qal li kien avviċinat minn persuna li xtaqet tirringrazzja lill-Madonna għal grazzja maqlugħa. Huwa qal: Nirringrazzjaw lill-Madonna għal grazzja kbira li qalgħet persuna mill-Awstralja. Din il-persuna jisimha Michelle. Hi kien ser ikollha tarbija li kellha tkun immankata. Bagħtet messaġġ hawn Malta lill-familjari tagħha biex jitolbu għaliha sabiex din it-tarbija titwieled normali. Wara li sar talb fil-Girgenti u wara li nbagħtu xi santi lil din l-omm fl-Awstralja, il-mara welldet tarbija normali, kontra kull previżjoni li kien hemm. Bħala ringrazzjament din il-mara bagħtet iċ-ċurkett tagħha biex jiġi ppreżentat lill-Madonna. Nirringrazzjaw lill-Madonna għal din il-grazzja hekk sabiħa."

Waqt l-istess laqgħa ta' Lulju 2002, diversi persuni rrakkontaw dawn l-esperjenzi marbuta ma' l-ilma li hemm fil-Girgenti:

**Philip Azzopardi** rrakkonta grazzja li nqalgħet lil membru tal-familja tiegħu. Qal, "Kien hemm iz-ziju tal-mara li kien qiegħed imut l-isptar. Kien fl-I.T.U. u t-tobba kienu qatgħu qalbhom minnu li kien ser jgħix u qalu lill-familja li forsi kien baqagħlu ġurnata jew tnejn ħajja. Jiena b'fidi ħadt l-ilma minn hawnhekk, mort dritt l-isptar, għamiltlu salib fuq moħħu u fuq sidru b'dan l-ilma u għidtlu, 'Mulej, f'idejk. Jiena nemmen li jekk trid tista' tfejqu.' U l-għada ċemplulna mill-isptar u qalulna, 'Tistgħu tiġu għalih, ġibulu l-ħwejjeġ għax għaddielu kollox!' Ħareġ mill-isptar, għadda tliet xhur oħra ħaj u għall-grazzja t'Alla biddel ħajtu wkoll, resaq aktar viċin tal-Mulej u kien devot ħafna tal-Madonna."

**Devota tal-Madonna** qalet, "Jiena kont l-isptar il-ġimgħa ta' wara l-elezzjoni, għax insejt meta kienet. L-ewwel li beda l-gwaj kien li għajni ħarġet barra totalment. Imbagħad ingħalqitli l-oħra. Kelli emoraġija kbira. Żewġ professuri, ma jafux x'ġara, qaluli li misteru. Domt tmint ijiem l-isptar pero tlabt lill-Madonna u ħassejtha li ħa tagħtini. U l-professur Vella, qalli, "Issa trid tagħmel operazzjoni fil-kappell ta' għajnek għaliex issa dak immaltratta ruħu u ma jitlax." Jiena lit-tifla għidtilha, "Inħoss li ser naqla' kollox. Kollox ser jiġi għan-normal." Kif għidtilkom, kelli emoraġija f'għajnejja t-tnejn, ma nara xejn, tliet ijiem magħluqin. Imbagħad bdew jinfetħuli u ġew kulur id-demm, demm biss kienu għajnejja. Żewġ professuri ma jafux x'għandi.

Fiqt waħdi, fi tmint ijiem tista' tgħid għaddieli, imbagħad bqajt ġejja 'l quddiem. Qalli, "Issa trid tibdel in-nuċċali għax b'li kellek il-vista marritlek lura, ser tmurlek lura." Filfatt bqajt bl-istess nuċċali u qatt ma bdiltu u għadda kollox.

Kont nagħmel salib bl-ilma tal-Girgenti, kont ngħidilha, "Madonna fejjaqni, nemmen fik Madonna, fejjaqni." U kull x'ħin immur nagħmel vista kull tliet xhur, nagħmillu, "X'kien profs dak?" Jagħmilli, *"It's a mystery, it's still a mystery"* u jibqagħli b'daqshekk.

Ir-raġel tiegħi qala' oħra kbira, bidlulu erba' rkiekel. Hu wkoll jemmen ħafna fil-Madonna. Kif għidt bidlulu erba' rkiekel minn daħru u kellu n-nervaturi mgerfxin. U mhux talli għamel l-operazzjoni u rnexxiet, talli suppost tawh l-injections wara, għax lili avżawni u qaluli, "Tgħidlux għax tgħidx kemm ser ikun muġugħ." Ġara li qatt ma qal ajma u nsew jagħtuh l-injections. Qatt ma tawh injection.

**Tessie**, devota oħra tal-Madonna qalet hekk, "Jiena kont nieħu ħsieb il-papà tiegħi, kont kważi n-nurse tiegħu u peress li ma kienx jimxi kellu l-pali ta' saqajh qed jintefħulu bin-nuqqas ta' ċirkulazzjoni. F'mument minnhom kien hemm persuna spiritwali u qaltli li Frenċ ta' l-Għarb kien jemmen ħafna fil-ħall. Qaltli biex nitfa' l-ħall fl-ilma, ngħid ir-rużarju u nogħroklu l-pali ta' saqajh, pero' jiena din ma għamilthiex.

Xi ġimgħa wara, għidt, għandi l-ilma tal-Madonna tal-Girgenti. Minflok ħall tfajt l-ilma tal-Madonna, bdejt naħsillu saqajh, nimmassaġġalu l-pali ta' saqajh u fl-istess ħin ngħid ir-rużarju. Nirringrazzja l-Madonna li saqajh ġew normali. Grazzi Madonna.

## Talba

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*